

32004L0110

L 365/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.12.2004

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/110/KE**tad-9 ta' Diċembru 2004****li taddatta għas-sitt darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward it-trasport tal-merkanzija perikoluża bil-ferrovija****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija¹, u partikolarment l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness mad-Direttiva 96/49/KE jirreferi għar-Regolament li jikkonċerna t-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija (RID), kif applikabbli mill-1 ta' Lulju 2003.
- (2) L-RID jiġi aġġornat kull sentejn. Għalhekk, il-verżjoni emendata trid tidħol fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, b'perjodu tranżitorju sat-30 ta' Ġunju 2005.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li l-Anness mad-Direttiva 96/49/KE jiġi emendat.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-trasport ta' merkanzija perikoluża msemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 96/49/KE,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness mad-Direttiva 96/49/KE jitbiddel b'li ġej:

¹ ĠU L 235, 17.9.1996, p. 25. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/89/KE (ĠU L 293, 16.9.2004, p. 14).

‘Ir-Regolament li jirrigwarda t-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża bil-ferrovija (RID) li jidher fl-Anness I tal-Appendiċi B tal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF), kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2003, filwaqt li hu mifhum illi l-termini "parti kontarenti" u "l-Istati jew il-ferroviji" iridu jiġu mibdula bit-terminu "Stat Membru".

It-test tal-emendi tal-verżjoni tas-sena 2005 tal-RID irid jiġi ppubblikat hekk kif ikun disponibbli fl-ilsna uffiċjali kollha tal-Komunità."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2005. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Jacques BARROT

Membru tal-Kummissjoni